SANTA LUĊIJA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

## Is-Seba' Leġislatura
## Laqgħa Numru 25-17

9 ta' Frar 2017

Il-Kunsil Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fit-4.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea – Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa. Is-Sindku ppropona li tinbidel l-ordni tal-laqgħa u l-Kunsill jgħaddi mill-ewwel għall-item fuq l-Agenda li jittratta r-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2106. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**25.1** **Rapport Finanzjarju 2016**

Is-Sindku stieden lil *Accountant* tal-Kunsill biex tippreżenta r-rapport finanzjarju għas-sena 2016. Is-Sinjura Debono tagħt rendikont sħiħ ta' dan ir-rapport u wieġbet għad-domandi kollha li għamlu l-membri tal-Kunsill. Hija qalet li wara li tnaqqset id-*depreciation* il-Kunsill għalaq is-sena b'*surplus* ta' €18,686. Il-Kunsill iddiskuta wkoll xi żiedit fl-infiq marbuta ma' servizzi b'mod partikulari s-servizz ta' ġbir ta' skart ġoff. Ġie nutat li t-talba għal dan is-servizz żdiedet konsiderevolment u s-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li l-kuntratt il-ġdid li ngħata fil-bidu tas-sena 2016 kellu rata ta' ħlas li kienet għola minn dik preċedenti. Il-Kunsill approva dan ir-rapport u rringrazzja lis-Sinjura Debono tas-servizz tagħha.

25.2 ***Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 23-17 (20-01-17)***

25.2.1 **Korrezjonijiet**

25.2.1.1 Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta numru 23.3.10 u ppropona li tiżdid sentenza li tgħid li: Il-Kunsill qabel unanimament fuq din il-proposta.

25.2.1.2 Il-Kunsillier Liam Sciberras rrefera għal minuta 23.3.11 u ppropona li qabel il-kelma *white board* għanda tizdied il-kelma eletroniku.

25.2.2 **Proġett tal-Jogging Track**

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 23.2.1 u tkellem dwar il-proġett tal-Jogging Track. Huwa staqsa sarx ix-xogħol biex jiġu nstallati l-*water fountains* u jiġu mqabbda mal-*main* tal-ilma.

Saret diskussjoni fuq kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol u l-amministrazzjoni ntalbet biex jinġiebu tlett kwotazzjonijiet.

Il-Kunsilliera Caroline Galea irrimarkat lill-proġett diġa qiegħed tard. Ġie deċiż li għanda ssir komunikazzjoni minn Sport Malta dwar it-*timeframe* għal dan il-proġett.

25.2.3 **Ġabra għall-Puttinu Cares**

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 23.2.3 u staqsa lis-Sindku jekk kienx ġab l-irċevuta tal-ġabra b'risq Puttinu Cares. Is-Sindku qal li ma kienx ġab l-irċevuta.

25.2.4 **Subway Triq tal-Barrani u rrekordjar tal-laqgħat tal-Kunsill**

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa kienx hemm xi *feedback* fuq it-talba tal-Kunsill biex issiru CCTV *Cameras* fis-*subway*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet kitbet f'dan ir-rigward.

Huwa kompla jistaqsi jekk kienx hemm xi *feedback* mid-Dipartiment fir-rigward tal-aħħar korrispondenza dwar l-aplowdjar tar-*recording* tal-laqgħat tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għad m'għandix risposta. Qamet diskussjoni fuq id-dritt

lill-Kunsilliera jkollhom kopja tar-recording tal-laqgħat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond is-Sitt Skeda tal-Ordnijiet Permanenti il-Kunsill jistgħa b'riżoluzjoni japprova r-rekordjar għall-iskop uniku li jiġi faċilitat l-abbozzar tal-minuti. Hija qalet li ser titlob gwida mid-Dipartiment dwar jekk il-membri tal-Kunsill għadhomx jingħataw kopja tar-*recording*.

**25.2.5 Magna tal-Qalb**

Il-Kunsillier Bonello rrefera għal minuta 23.2.11 tal-laqgħa numru 23-17 u staqsa jekk il-magna tal-qalb twaħħlitx fl-*area* tal-Football Ground. Is-Sindku qal li qed jistenna risposta minn l-operatur tal-*gym* tal-Football Club.

**25.2.6 Community Work Scheme**

Il-Kunsillier Bonello rrefera għal minuta 23.3.1 u qal li hemm bżonn li r-*road markings* jiġu *refreshed*. Huwa semma wkoll il-*bollards* fi Triq Inez Soler u qal li l-problema baqgħet tippersisti u l-*bollards* għandhom jitressqu fit-tarf tat-triq.

**25.2.7 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 23.17 ġew approvati kif emendati

**25.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 24-17**

**25.3.1 *Korrezjonijiet***

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għal minuta 24.3.3 u talbet li jitneħħew iż-żewġ sentenzi li jiġu qalel l-aħħar sentenza tal-paragrafu tal-minuta msemmija. Hija qalet li dak il-ħin kien hemm diskussjoni u hi aċċetat il-proposta tal-Vici Sindku biex ma tiddaħalx politika. Is-Sindku qal li ma jarax għala għandhom jitneħħew dawk il-kliem. Is-Sinjura Galea qalet li bl-istess argument allura għandhom jitnizzlu l-kummenti kollha li jsiru waqt il-laqgħa u tagħt eżempju tal-kritka li għamel il-Viċi Sindku fil-konfront tal-kummenti li kiteb is-Sindku fuq is-Segretarju Eżekuttiv fil-*performance appraisal*. Kompliet id-diskussjoni u l-Kunsill wasal għal qbil li jitneħħew mill-minuti il-kliem li rreferit għalihom il-Kunsilliera Galea.

**25.3.2 *Kont dwar il-kiri ta' open skips***

Saret referenza għall-minuta' 24.3.2 fir-rigward tal-*invoice* għal kiri ta' 21 *open skip*. Qamet diskussjoni u l-Kunsillier Sciberras tkellem dwar prattiċi li kien issuġerixxa biex isir *cross checking* bejn il-Kunsill u l-Kuntrattur biex jiġi evitat li tirrepeti ruħha din is-sitwazzjoni. Il-Viċi Sindku qal li l-ordni li jagħmel il-Kunsill hija *binding* u mhux dak li jgħid il-kuntrattur. Il-Kunsilliera Galea qalet li s-Segretarju Eżekuttiv kienet ikkonfermat li l-maggoranza tal-i*skips* ma kienux awtorizzati u staqsiet jekk kienetx saret xi investigazzjoni ta' kif u min kien ordna l-i*skips*. Is-Sindku qal li kien bagħt għal kuntrattur u talbu jivverifika sew u jekk ikun hemm bżonn ikun preżenti fil-laqgħa li jmiss. Kompliet id-diskussjoni u saru diversi domandi dwar il-proċedura li ntużat biex ġew ordnati l-i*skips*. Is-Sinkdu qal li hu ma qalx lil iskrivana biex ma tagħmilx *purchase order* u qal ukoll li għal Picnic Area kien ordna sa massimu ta' ħames *open skips*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhux sew li qed tingħata l-impressjoni li ma jsirux *purchase orders*. Hija spjegat li l-proċedura stabbilita' ta' kif jiġu ordnati l-iskips kienet li jinħareġ *purchase order* uffiċjali u l-kuntrattur jattaċja dan il-*puchase order*

ma' l-*invoice* li jibgħat lill-Kunsill. Hija qalet li l-*purchase orders* huma l-ordni tal-ġurnata u kollha jiġu ppreparati u jitħallew fid-*drafts* sa kemm tivverifikhom hi qabel tibgħathom. Hija qalet li fuq dan il-każ partikulari din il-proċedura ma saritx. Rigward l-investigazzjoni dwar kif u minn min kienu ġew ordnati dawn l-i*skips* hija qalet li fil-laqgħa preċedenti diġa tkellmet is-skrivana tal-Kunsill u spjegat li ma għamiltx *purchase order* minħabba li diversi drabi kienet tkun weħidha u ma kienetx tlaħħaq.

Il-Viċi Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk hux qed taċċetta li għax ikun hemm ix-xogħol ma joħrogx *purchase order.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi mhi taċċetta xejn aktar u aktar meta tqis li l-ordni tal-maggoranza ta' dawn l-i*skips* lanqas biss ġiet infurmata bihom.

Il-Viċi Sindku qal li minn issa l-quddiem irridu niskrutinjaw kollox qabel napprovaw. Is-Segretarju Eżekuttiv qaltlu li hekk suppost isir u hi għalhekk tibgħat l-iskeda tal-pagamenti minn qabel il-laqgħa biex ikun hemm iċ-ċans li wieħed jiflihom sew.

**25.3.3** ***Video Musikali miġbud fi Ġnien is-Serenita'***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għal minuta 24.2.1 u staqsa jekk min għamel il-*video* kienx ġie jħallas. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-ebda ħin ma kienet intalbet biex tikteb lil dan l-individwu biex jiġi jħallas. Ġie deċiz li għandha tinbagħt *e-mail* biex jiġi stabilit kemm damet din l-attivita' biex jiġi stabbilit il-ħlas dovut skond il-Bye-Laws u dan irid ikun aċċettabbli għal Kunsill. Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li jissiġerixxi li l-Kunsill għandu jħares lejn il-prassi tajbin li ntużaw fis-sena 2014 u nimxu mal-istess prassi. Il-Viċi Sindku qal li *photo session* mhix *video* mużikali. Is-Sindku qal li ma kinetx *photo session* biss. Il-Viċi Sindku qal li dak inhar kien hemm ftehim dwar il-ħlas dovut u ma sar xejn bil-moħbi. Il-Kunsilliera Galea qalet li irrispettivament dwar dak li sar fil-passat, fil-ħajja *two wrongs never make a right*. Dak il-ħin qam argument li wassal biex il-Viċi Sindku, l-Kunsilliera Galea u l-Kunsillier Bonello fil-ħin tas-sitta ta' filgħaxija ħarġu l-barra bi protesta.

Wara li għaddiet nofs siegħa s-Sindku ssospenda l-laqgħa minħabba nuqqas ta' *quorum*.

**25.4** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30p.m. Ma kienx hemm data stabbilita' għall-laqgħa li jmiss.

Konfermati llum it-Tnejn, 27 ta' Frar 2017

| | |
|---|---|
| Terrence Ellul | Caroline Silvio |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |